

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' sessjoni

24.4.2007

B6-0149/2007 }
B6-0151/2007 }
B6-0154/2007 }
B6-0156/2007 } RC1

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skond l-Artikolu 103(4) tar-Regoli ta' Proċedura minn

- Joseph Daul, Ignacio Salafranca, Elmar Brok, Charles Tannock, Stefano Zappala, Bogdan Klich, Antonio Tajani, Jas Gawronski, Georgios Papastamkos, Robert Sturdy, Alexander Radwan, John Bowis, Georg Jarzembowski and Malcolm Harbour, f'isem il-Grupp PPE-DE
- Jan Marinus Wiersma, Hannes Swoboda and Erika Mann, f'isem il-Grupp PSE
- Alexander Lambsdorff, Sophia in 't Veld, Lapo Pistelli, Margarita Starkevičiūtė and Anneli Jäätteenmäki, f'isem il-Grupp ALDE
- Konrad Szymański, Adam Bielan and Michał Tomasz Kamiński, f'isem il-Grupp UEN

li tiegħu post il-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni mressqa mill-gruppi li ġejjin:

- UEN (B6-0149/2007)
- PSE (B6-0151/2007)
- ALDE (B6-0154/2007)
- PPE-DE (B6-0156/2007)

dwar relazzjonijiet transatlantiċi

RC\664545MT.doc

PE 387.119v01-00}
PE 387.121v01-00}
PE 387.124vo1-00}
PE 387.126v01-00} RC1

MT

MT

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar relazzjonijiet transatlantiċi

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni preċedenti tiegħu dwar ir-relazzjonijiet transatlantiċi, b'mod partikolari ż-żewġ riżoluzzjonijiet tiegħu ta' l-ta' Ġunju 2006 dwar it-titjib tar-relazzjonijiet EU-US fil-qafas ta' Ftehim ta' Sħubija Transatlantika u fuq relazzjonijiet ekonomiċi transatlantiċi EU-US.
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet bejn l-UE u l-Istati Uniti tas-26 ta' Ġunju 2004 u l-20 ta' Ġunju 2005, dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u t-tiżni ta' koperazzjoni reċiproka fir-rigward tan-nonproliferażżjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu,
 - wara li kkunsidra r-riżultat tas-Samit bejn l-UE u l-Istati Uniti li seħħ fil-21 ta' Ġunju 2006 fi Vjenna,
 - wara li kkunsidra s-samit li ġej UE/SU li se jsir fit-30 ta' April 2007 f'Washington,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 103(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti bbażata fuq il-valuri komuni tal-libertà, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem hija l-pedament tas-sigurtà u l-istabilità fiż-żona Ewro-Atlantika,
- B. billi, fil-ġlieda kontra t-terroriżmu internazzjonali, hemm bżonn li wieħed jenfasizza l-importanza li l-liġi internazzjonali u t-trattati dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali jkunu osservati b'mod sħiħ,
- C. billi s-sitwazzjoni preżenti fil-Bajja ta' Guantánamo u l-programm sigriet ta' detenzjoni tas-CIA qed joħolqu tensjonijiet fir-relazzjonijiet transatlantiċi, minħabba li l-UE ma tistax taċċetta dawn l-irregolaritajiet legali, li jdgħajfu l-valuri l-aktar fundamentali ta' l-istat tad-dritt,
- D. billi l-ordni politika u ekonomika globali tgħaddi minn tibdiliet ewlenin preżenti, li twassal għal sfidi politiċi u ekonomiċi sinifikanti u timplika theddid serju ta' sikurezza, soċjali u ambjentali,
- E. billi s-sitwazzjoni attwali fil-Lvant Nofsani titlob koperazzjoni b'saħħitha bejn l-UE u l-Istati Uniti fil-qafas tal-Kwartett u mal-Lega Għarbija sabiex tinkiseb aktar stabbiltà fir-reġjun bil-promozzjoni tal-paċi, tad-demokrazija u tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem;
- F. billi sħubija b'saħħitha u li taħdem bejn l-UE u l-Istati Uniti hija l-ġhodda vitali biex l-iżvilupp globali jieħu forma fl-interessi tal-valuri komuni u fuq il-bażi ta' multilateraliżmu effettiv u l-liġi internazzjonali; billi t-tmexxija politika b'saħħitha u konsistenti hija rikjesta biex tippermetti lill-imsieħba jilħqu din il-mira; billi t-tmexxija politika b'saħħitha u konsistenti hija rikjesta biex tippermetti lill-imsieħba jilħqu din il-mira,
- G. billi l-Istati Uniti għadha mhux lesta li testendi l-Programm għat-Tneħħija tal-Viża u qed tkompli timponi, fuq bażi mhux reċiproka, rekwiżit ta' viża fuq ċittadini tal-ħdax-il Stat Membru ġdid ta' l-UE, kif ukoll fuq il-Greċja u b'hekk qed ixkekkel ir-rabtiet transatlantiċi u

RC\664545MT.doc

PE 387.119v01-00}

PE 387.121v01-00}

PE 387.124v01-00}

PE 387.126v01-00} RC1

qed tipperpetwa l-inugwaljanza fost iċ-ċittadini ta' l-UE;

- H. billi s-suq transatlantiku, bħala l-ikbar relazzjoni bilaterali ta' kummerċ u investment fid-dinja, jipprovdi impjieg għal 14-il miljun ruħ fl-UE u l-Istati Uniti, jammonta għal 40% tal-kummerċ dinji u jibqa' l-mutur ta' l-ekonomija dinjija,
- I. billi, minħabba l-irwol tagħhom fl-ekonomija dinjija, l-imsieħba transatlantiċi jaqsmu r-responsabilità għat-tiswir ta' l-iżvilupp globali u l-governanza fl-interess ta' valuri komuni, permezz ta' multilateraliżmu effettiv, sabiex il-prosperità tinqasam b'mod iktar ugwali u sabiex jiġu indirizzati b'suċċess l-isfidi globali bħas-sigurtà, il-governanza ekonomika globali, l-ambjent u t-tnaqqis tal-faqar,
- J. billi relazzjoni ekonomika transatlantika koperattiva hija fl-interessi reċiproċi ta' l-UE u l-Istati Uniti u billi hemm bżonn ta' tmexxija politika konsistenti għat-tiswir tas-suq transatlantiku; għalhekk, jappoġġja lill-Presidenza Ġermaniża fl-isforzi tagħha biex fis-Samit li ġej tagħmel progress reali fit-tiswir sostanzjali ta' koperazzjoni regolatorja,
- K. billi s-Senat ta' l-Istati Uniti adotta unanimament riżoluzzjoni f'Diċembru ta' l-2006, li tħeġġeġ liż-żewġ imsieħba transatlantiċi biex jaħdmu flimkien sabiex isaħħu s-suq transatlantiku u biex juru sens ta' tmexxija fis-Samit bejn l-UE u l-Istati Uniti ta' l-2007 billi jaqblu biex jistabbilixxu data biex jiġi finalizzat is-suq transatlantiku,
- L. billi s-servizzi finanzjarji huma kwistjonijiet ewlenin għar-relazzjonijiet UE/SU; billi iktar koperazzjoni msaħħa, konverġenza regolatorja u kundizzjonijiet indaqs bejn l-Istati Uniti u l-UE fir-Regolament dwar servizzi finanzjarji huma fl-interess taż-żewġ partijiet,

Kwistjonijiet politiċi, ta' sigurtà u tad-drittijiet tal-bniedem

1. Jilqa' b'sodisfazzjon il-klima mtejbja tar-relazzjonijiet ta' l-UE u l-Istati Uniti fuq bażi ugwali; jemmen li dan l-isfond pożittiv joffri opportunitajiet serji għall-UE u l-Istati Uniti biex jaħdmu flimkien mill-qrib fuq firxa wiesgħa ta' sfidi tal-politika ta' interess komuni, b'mod speċjali fl-aproċċ komuni lejn il-Balkani tal-Punent, ir-reġjun tal-Kawkażja t'Isfel, l-Ażja Ċentrali, il-Lvant Nofsani, l-Afghanistan, il-Mediterran, l-Amerika Latina u l-Afrika; Jistieden lill-Kunsill u lill-amministrazzjoni ta' l-Istati Uniti sabiex jintensifikaw l-isforzi tagħhom fi ħdan il-qafas tal-Kwartett tal-Lvant Nofsani sabiex jibdew negozjati bejn l-Iżraeljani u l-Palestinjani għal soluzzjoni ta' paċi komprensiva bbażata fuq żewġ Stati sikuri u vijabbli; jappoġġja t-talba tal-Kwartett għall-kontinwazzjoni ta' għajjnuna internazzjonali għall-poplu Palestinjan; huwa ta' l-opinjoni li għandu jsir kull sforz sabiex tiġi stabbilizzata s-sitwazzjoni fil-Libanu; jilqa' b'sudisfazzjon it-tnedija mill-ġdid tal-Pjan adottat mil-Lega Għarbija fis-Samit ta' Riyahd; jilqa' l-formazzjoni tal-gvern ta' unità nazzjonali Palestinjan u jħeġġeġ liż-żewġ imsieħba transatlantiċi jinvolvu ruħhom fi djalogu kostruttiv miegħu, b'kunsiderazzjoni għall-pożizzjoni tal-Kunsill;
3. Jilqa' b'sodisfazzjon iż-żjarat riċenti f'Damasku minn politiċi importanti Amerikani u Ewropej; jitlob għal azzjoni konġunta ta' l-UE u l-Istati Uniti sabiex jevalwaw ir-rieda bla kundizzjoni tas-Sirja li terġa' tibda n-negozjati ma' l-Iżrael u li tikkopera b'mod kostruttiv mal-komunità internazzjonali;
4. Jilqa' l-koperazzjoni mill-qrib bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar il-kwistjoni nukleari Iranjana, u jħeġġeġ liż-żewġ imsieħba biex ikomplu l-koperazzjoni fit-tiswir ta' l-IAEA u fl-

istabbiliment ta' sistema komprensiva ta' ftehimiet internazzjonali dwar in-non-proliferazzjoni ta' armamenti għall-qerda tal-massa sabiex isaħħu t-Trattat ta' Non-Proliferazzjoni b' mod konġunt bħala element ewlieni fil-prevenzjoni tal-firxa ta' l-armamenti nukleari;

5. Jiddeplora l-aħbar ta' l-Iran li għandu l-intenzjoni li jibda l-arrikkiment ta' l-uranju fuq skala industrijali minħabba li pass bħal dan minn dak il-pajjiż jikkontradixxi b' mod dirett it-talbiet ripetuti tal-Bord tal-Gvernaturi IAEA u t-talbiet li jorbtu fuq l-Iran mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, fir-Riżoluzzjonijiet 1737 u 1747, sabiex jissospendi l-attivitajiet kollha relatati ma' l-arrikkiment;
6. Jemmen li l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-proliferazzjoni ta' l-armi għall-qerda tal-massa jibqgħu l-ikbar sfidi tas-sigurtà għaż-żewġ imsieħba; għalhekk jisħaq fuq il-bżonn taż-żewġ naħat li jsaħħu l-kollaborazzjoni tagħhom f'dan il-qasam u li jappoġġjaw l-irwol li n-NU jrid ikollha fil-ġlieda għaż-żewġ sfidi;
7. Jemmen li hemm il-ħtieġa li wieħed jiddefinixxi, flimkien ma' l-Istati Uniti, qafas konġunt biex jissalvagwardja l-garanziji meħtieġa fis-sħubija speċjali bejn l-UE u l-Istati Uniti fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, li jista' wkoll ikollu x'jaqsam ma' l-aspetti kollha marbuta mal-moviment ħieles ta' persuni bejn l-UE u l-Istati Uniti; iqis li, f'din il-perspettiva, il-kuntatti bejn il-Parlament u l-Kungress għandhom jissaħħu;
8. Jirrikonoxxi li l-iskambju ta' dejta u informazzjoni huwa għodda prezzjuża fil-ġlieda internazzjonali kontra t-terroriżmu u l-kriminalità relatata miegħu, iżda jisħaq li garanziji b'saħħithom ta' ħarsien tad-dejta jiffaċilitaw l-iskambju tad-dejta filwaqt li jiġi żgurati l-ħarsien tal-privatezza, u li f'kull każ jeħtieġ li, skambju ta' dejta bħal dan ikun ibbażat fuq ftehim jew ftehimiet internazzjonali bi struttura simili għal dik tal-ftesima bejn il-KE u l-Istati Uniti dwar il-koperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali u fl-estradizzjoni, li bħalissa qed tiġi evalwata mill-Kungress ta' l-Istati Uniti;
9. Jiddispjaċih bil-qawwa li l-ftheimiet dwar il-PNR, l-SWIFT u l-eżistenza tas-Sistema Awtomatizzata ta' Identifikar ta' l-Istati Uniti (ATS) wasslu għal sitwazzjoni ta' inċertezza legali fir-rigward tal-garanziji neċessarji ta' ħarsien tad-dejta għall-iskambju u t-trasferiment ta' dejta bejn l-UE u l-Istati Uniti bil-għan li tiġi żgurata s-sigurtà pubblika u, b' mod partikulari, għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu; jenfasizza li d-dejta għandha tiġi skambjata fejn meħtieġ skond il-ftesima attwali bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar l-għajnuna legali u l-estradizzjoni reċiproka i f'konformità mal-leġiżlazzjoni dwar il-ħarsien tad-data tal-KE u ta' l-UE; jemmen li l-iskambju ta' dejta personali jrid isir fuq bażi legali propja, marbuta ma' regoli u kundizzjonijiet ċari u trid tkunu koperta minn protezzjoni adegwata tal-privatezza u l-libertajiet ċivili taċ-ċittadini individwali;
10. Jitlob lill-Istati Uniti u l-pajjiżi l-oħra kollha li jużaw viżas għad-dħul f'ċerti Stati Membri ta' l-UE biex ineħħu immedjatament ir-reġim tal-viża u biex jittrattaw iċ-ċittadini kollha ta' l-Istati Membri ta' l-UE b' mod ugwali; jiddispjaċih dwar l-inklużjoni ta' "klawżola għall-iskambju ta' informazzjoni" addizzjonali (klawżola PNR) fit-tibdiliet proposti għall-Programm għat-Tneħħija tal-Viża ta' l-Istati Uniti;

11. Jenfasizza l-fatt li ħafna mill-miżuri fil-proposta leġiżlattiva “Titjib fl-Att tas-Sigurtà ta’ l-Amerka ta’ l-2007”, meta tiġi adottata mill-Kungress ta’ l-Istati Uniti, se jkollhom impatt dirett fuq il-pajjiżi ta’ l-UE, b’mod partikulari f’dak li jikkonċerna koperazzjoni bejn il-pulizija u koperazzjoni ġudizzjarja fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-ħarsien tad-drittijiet u l-garanziji fundamentali;
12. Jilqa' b'sodisfazzjon l-impenn muri mill-Viċi President Frattini sabiex iniedi qafas ta' koperazzjoni Ewro-Atlantika fil-ġlieda kontra t-terroriżmu internazzjonali, b'regoli armonizzati dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali; jistaqsi lill-Kummissjoni sabiex tkompli dawn l-isforzi u tinvolvi bis-sħiħ lill-Parlament f'din l-inizjattiva;
13. Jilqa' l-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli li għadu kif inħoloq u li huwa magħmul minn rappreżentanti tal-Kummissjoni, tal-Kunsill u rappreżentanti governattivi tad-Dipartimenti tal-Ġustizzja u tas-Sigurtà tal-Patrija ta' l-Istati Uniti, li jikkostitwixxi l-qafas politiku għad-djalogu bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar kwistjonijiet ta' sigurtà;
14. Ifakkar ir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament li jitolbu għall-għeluq taċ-ċentru ta' detenzjoni fil-Bajja ta' Guantánamo; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex iħeġġu lill-Gvern ta' l-Istati Uniti biex isib mekkaniżmu jagħmilha faċli li d-detenu ti jġu akkużati jew jinħelsu skond il-liġi internazzjonali; huwa mħasseb minħabba l-fatt li l-eżistenza stess taċ-ċentru ta' detenzjoni fil-Bajja ta' Guantánamo qed tkompli tibgħat sinjal negattiv rigward kif il-ġlieda kontra t-terroriżmu qed titwettaq; Iħeġġeġ lill-Kunsill biex joħroġ dikjarazzjoni ċara u qawwiya li titlob lill-Gvern ta' l-Istati Uniti biex itemm il-prattika ta' l-arresti straordinarji u r-rendimenti, u biex il-Gvern ta' l-Istati Uniti jintalab kjarifiki dwar l-eżistenza ta' ħabsijiet sigrieti allegati barra mit-territorju ta' l-Istati Uniti;
15. Ifakkar l-opinjoni li n-NATO, li tibqa' rabta importanti bejn l-Ewropa u l-Istati Uniti u garanti tas-sigurtà Ewropea, għandha tiżviluppa l-potenzjal tagħha bħala forum transatlantiku għal dibattitu politiku fi sħubija vera bejn partijiet ugwali;
16. Jilqa' b'sodisfazzjon il-koperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Uniti u l-UE dwar l-istatus tan-negozjati fil-Kosovo u jenfasizza l-bżonn li jinstab eżitu bilanċjat u vijabbli dwar l-istatus futur tiegħu; iħeġġeġ liż-żewġ partijiet sabiex jużaw is-Samit ta' April 2007 biex japprovaw il-kunsens tagħhom tal-Pjan Ahtissari u biex ikomplu d-djalogu tagħhom mal-partijiet konċernati kollha; għal dan il-għan jirrakkomanda relazzjoni eqreb tas-sigurtà bejn in-NATO u l-UE, b'mod partikolari fir-rigward tas-sitwazzjoni fil-Kosovo fejn l-UE se tieħu r-responsabilità ta' l-UNMiK f'idejha filwaqt li se jibqgħu hemm madwar 16,000 suldat tan-NATO; jemmen li sħubija ta' l-UE-US iżjed b'saħħitha trid tikkomplimenta, iżjed milli tfixkel, din ir-relazzjoni;
17. Jistieden lill-Istati Uniti biex tirdoppja l-isforzi tagħha biex tikkonsulta u tispjega s-sistema ppjanata tad-difiża bil-missili fin-NATO sabiex tippermetti lill-Alleanza u lill-Ewropa biex jibqgħu magħqudin, biex jirreżistu pressjoni barranija u jevitaw milli jinqasmu f'inħawi ta' sigurtà differenti; jisħaq l-importanza li jitfittxu l-konsultazzjonijiet dwar is-sistema fil-Kunsill NATO-Russja; Jisħaq li s-sistema ta' l-Istati Uniti għandha tkun koordinata u interoperabbli mas-sistema tan-NATO tad-Difiża bil-Missili Ballistiċi ta' Firxa Usa' (Theatre Ballistic Missile Defence)(TBMD);

18. Jistieden lill-Presidenza u lill-Gvern ta' l-Istati Uniti sabiex jagħtu x'jifhem lill-President tal-Bank Dinji, Paul Wolfowitz li r-riżenja tiegħu mill-kariga tkun pass mixtieq sabiex jiġi evitat li tiddgħajef il-politika tal-Bank kontra l-korruzzjoni;

Kwistjonijiet Ekonomiċi u Kummerċjali

19. Jenfasizza li waqt il-Laqgħa tas-Samit Transatlantiku fit-30 ta' April 2007 f'Washington għandu jingħata impetus għdid lir-relazzjonijiet transatlantiċi billi tiġi aġġornata l-Aġenda Transatlantika l-Għdida;
20. Jappoġġja bis-sħiħ l-inizjattiva tal-Presidenza Ġermaniża tal-Kunsill Ewropew biex tnedi Sħubija Ekonomika Transatlantika Għdida, bi pjan direzzjonali għall-kisba ta' suq transatlantiku mingħajr xkiel, biex tissaħħaħ il-pożizzjoni taż-żewġ imsieħba fil-kompetizzjoni globali u biex jużaw aħjar il-potenzjal ta' l-ekonomiji tagħhom, mingħajr ma jiddgħajfu n-negozjati multilaterali tal-kummerċ inkluż id-Doha Round;
21. Jitlob lill-Presidenti tal-Kunsill Ewropew, tal-Kummissjoni Ewropea u ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika biex jużaw is-Samit UE-US ta' April 2007 biex iniedu n-negozjati ta' Ftehma ta' Sħubija Transatlantika għdida, inkluż suq transatlantiku msaħħaħ bejn l-UE u l-Istati Uniti, li jkopri l-investment, il-proprjetà intelletwali, l-innovazzjoni, l-akkwist pubbliku u r-relazzjoni bejn il-kummerċ u sigurtà; jistieden liż-żewġ imsieħba biex iniedu negozjati dwar Ftehma dwar Koperazzjoni Regolatorja effettiva, inklużi metodoloġiji komuni, miżuri biex jiġu minimizzati diverġenzi regolatorji futuri, trejdjunjins u gruppi tal-konsumaturi; iħeġġeġ sabiex il-leġiżlaturi fuq iż-żewġ naħat ikunu involuti sistematikament fin-negozjati;
22. Jinsisti li n-negozjati dwar suq transatlantiku mingħajr ostakli m'għandux iwassal għal armonizzazzjoni fuq livell aktar baxx ta' l-istandards soċjali, ambjentali u tas-saħħa u għandhom iżommu l-awtonomija u l-integrità tal-politika tal-kompetizzjoni ta' l-UE u r-regoli tagħha dwar il-ħarsien tas-servizzi pubbliċi u d-diversità kulturali;
23. Jinsab imħasseb dwar l-impatt potenzjalment perikoluż tad-defiċit li qed jikber tal-kont kurrenti federali ta' l-Istati Uniti fuq l-ekonomija globali u l-istabilità tas-swieq internazzjonali tal-munita; iħeġġeġ bis-sħiħ lill-imsieħba biex jikkommettu ruħhom ħalli jevitaw żbilanċi eċċessivi li jiggravaw l-iżbilanċi internazzjonali;
24. Jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni tal-presidenza Ġermaniża tal-G8 li tpoġġi l-problema tar-regolazzjoni tas-suq internazzjonali tal-kapital fuq l-aġenda għas-samit li jmiss tal-G8; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li l-Istati Uniti ħabbret unilateralment prinċipji ġodda għall-fondi ta' kapital (capital pools) privati bbażati fuq miżuri ta' trasparenza li ma jorbtux. Jitlob lill-Kummissjoni biex tiżgura drittijiet ekwivalenti ta' pussess fit-territorji ta' xulxin għall-intrapriżi. jemma bis-sħiħ li għandu jkun hemm dialogu dwar il-fondi ta' l-qugh u l-ekwitajiet privati minħabba r-riskju sistematiku li l-attivitajiet tagħhom jirrappreżentaw, u d-dibattitu li dejjem qed jikber dwar il-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi usa' tagħhom. Jitlob lill-Kummissjoni tindika x'se tagħmel f'dan ir-rigward, b'kunsiderazzjoni li l-Istati Uniti qed tipprepara l-proposti. ifakkar li żewġ terzi mill-fondi ta' l-qugh u l-fondi azzjonarji privati huma bbażati f'ċentri 'off-shore', u għalhekk jitlob li jiġu evalwati l-implikazzjonijiet fiskali tagħhom;
25. Jenfasizza l-importanza tal-konverġenza tal-prattiki ta' sorveljanza fir-rigward tal-

RC\664545MT.doc

PE 387.119v01-00}
PE 387.121v01-00}
PE 387.124v01-00}
PE 387.126v01-00} RC1

konsolidazzjoni transatlantika tal-boroż. itenni t-talba tiegħu, għalhekk, għat-titjib tad-Djalogu Regolatorju dwar is-Swieq Finanzjarji permezz ta' reviżjoni tal-politika kull sentejn, tas-servizzi finanzjarji transatlantiċi qabel u wara kull samit annwali bejn l-UE u l-Istati Uniti; iħeġġeġ lis-Samit bejn l-UE u l-Istati Uniti sabiex jaqbel dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' standards tal-kontabilità, ibbażati fuq sorveljanza regolatorja li wieħed jista' jserraħ fuqha; jenfasizza l-importanza, min-naħa ta' l-Istati Uniti, ta' l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Basel II dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital u tar-rikonoxximent ta' l-Istandards Internazzjonali ta' Rappurtaġġ Finanzjarju min-naħa ta' l-SEC; itenni b'dispjaċir il-ħtieġa li l-assiguraturi ta' l-UE fl-Istati Uniti jikkollegaw ir-riskji bis-sħiħ, billi jiffaċċjaw regoli ta' l-Istati li huma diskriminatorji ħafna; għalhekk jistieden lis-Samit bejn l-UE u l-Istati Uniti sabiex jaqbel dwar aktar rikonoxximent reċiproku transatlantiku u s-solvenza u r-rekwiżiti ta' l-irrapportar uniformi; jitlob lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-inkorporazzjonijiet (mergers) transatlantiċi u/jew ix-xiri ta' boroż jew ta' istituzzjonijiet finanzjarji oħra ma jwasslux, direttament jew indirettament, sabiex il-liġijiet, ir-regolamenti jew il-prattiki ta' sorveljanza ta' l-Istati Uniti jiġu imposti unilateralment fl-UE;

26. Jistieden liż-żewġ partijiet sabiex jikkonkludu b'suċċess l-Aġenda ta' Doha dwar l-Iżvilupp tad-WTO b'rispett sħiħ tad-dimensjoni ta' l-iżvilupp; għalhekk iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Uniti sabiex fis-Samit ta' l-2007 jiddikjaraw l-impenn sħiħ tagħhom favur pass pożittiv 'il quddiem sas-sajf ta' l-2007; u sabiex, barra mill-għanijiet tagħhom rigward l-aċċess għas-suq u s-servizzi, jaqblu dwar strateġija konġunta dwar il-promozzjoni, fid-WTO u fi ftehimiet bilaterali dwar il-kummerċ, ta' standards bażiċi ta' l-ILO dwar ix-xogħol li jistgħu jiġu infurzati; sabiex jafferimaw mill-ġdid l-impenn tagħhom favur il-'Green Box' fl-agrikultura, flimkien ma' strateġija komuni dwar it-transkonformità, il-bijofjuwils, il-benesseri ta' l-annimali, is-saħħa ta' l-annimali u l-influenza tat-tjur; u sabiex jenfasizzaw l-importanza tal-ftehim bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar l-inbid;
27. Jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jiddiskutu mas-sħab transatlantiċi kif jagħmlu progress fil-kwistjoni ta' l-aċċess tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw għall-mediċini, u biex jopponu bil-qawwa l-inizjattiva ta' l-Istati Uniti li tinkludi fil-ftehimiet bilaterali kollha negozjati mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw klawsoli li bihom daww il-pajjiżi jirrinunzjaw għall-użu tad-dispożizzjoni tal-Ftehim ta' Doha li tippermettilhom jipproduċu jew jimportaw mediċini ġeneriċi meħtieġa biex jaffrontaw problemi pubbliċi kbar ta' saħħa (AIDS, tuberkulożi, eċċ); madankollu huwa mħasseb li l-ħsieb tal-Kungress li jawtorizza l-importazzjoni parallela tal-mediċini mill-Istati Membri ta' l-UE tista' toħloq ostakli għad-disponibilità tagħhom għall-pazjenti ta' l-UE u tista' tiffavorixxi l-iffalsifikar; għalhekk isaqsi lill-UE biex tqajjem din il-kwistjoni waqt is-Samit li ġej;
28. Iqis li l-UE u l-Istati Uniti, li jirrappreżentaw 38% tal-konsum dinji ta' l-enerġija, għandhom ikunu minn ta' quddiem permezz ta' sforzi konġunti sabiex jiżviluppaw il-produzzjoni ta' enerġija alternattiva u l-effiċjenza ta' l-enerġija; jitlob għalhekk liż-żewġ imsieħba biex isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom dwar l-enerġija, is-sigurtà ta' l-enerġija u s-sostenibilità ambjentali biex jistabbilixxu suq globali, stabbli u prevedibbli għall-enerġija bbażat fuq ir-regoli tas-suq u biex ifittxu li jinkludu dispożizzjonijiet li jiggvernaw il-kummerċ ta' l-enerġija fir-regolamenti tad-WTO;
29. Jinsisti, f'dan il-kuntest, fuq ir-responsabilità speċifika ta' pajjiżi żviluppanti biex ikunu minn ta' quddiem fit-tnaqqis ta' emissjonijiet; iħeġġeġ lill-Istati Uniti biex jerġgħu jikkunsidraw il-pożizzjoni tagħhom dwar ir-ratifika tal-Protokoll ta' Kyoto; barra minn hekk, jistieden lill-

Istati Uniti biex jieħdu miżuri domestiċi qawwija li jwasslu għal tnaqqis assolut ta' emissjonijiet, u biex jassumu rwol attiv f'negozjati internazzjonali futuri bil-ħsieb ta' parteċipazzjoni fis-sistema tal-bidla fil-klima tal-ġejjieni; jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattivi reġjonali 'cap-and-trade' fl-Istati Uniti u attivitajiet fil-livell ta' stat li jwasslu għal tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra; ihegġegħ lill-amministrazzjoni ta' l-Istati Uniti, lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri biex jadottaw miżuri effettivi sabiex inaqqsu l-impatt ta' l-avjazzjoni fuq il-bidla fil-klima; jitlob biex it-tibdil fil-klima jiġi diskuss regolarment fil-livell tad-delegazzjonijiet interparlamentari u fil-kuntest tad-Djalogu Leġislativ Transatlantiku;

30. Jistenna li s-Samit jipprepara t-triq għal fteħima tas-Samit G8 f'Ġunju għat-twaqqif ta' reġim post-Kyoto dwar l-emissjonijiet li jkun jinvolvi lill-Istati Uniti u ekonomiji emerġenti ewlenin bħaċ-Ċina, il-Brażil, l-Indja, il-Messiku, l-Afrika t'Isfel u l-Indonesja, u li jinkludi, fost kwistjonijiet oħra, sistema effettiva tal-kummerċ ta' l-emissjonijiet tal-karbonju u l-promozzjoni ta' teknoloġiji ġodda;
31. Jilqa' l-Istrateġija Konġunta ta' Azzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar id-Drittijiet tal-Propjetà Intelletwali adottata fis-Samit ta' l-2006 bejn l-UE u l-Istati Uniti; jirrakkomanda li jiġi rivedut il-proċess ta' riforma tal-brevetti fuq taż-żewġ naħat;
32. Jerġa' jġedded it-talba tiegħu lill-Kummissjoni¹ biex tinvestiga, bħala fatt urġenti, il-fatt li l-kumpaniji u s-setturi ta' l-UE b'operazzjonijiet fl-Istati Uniti mhux koperti mill-fteħima Safe Harbour jistgħu preżentament jiġu mgieġhla jagħmlu d-dejta personali disponibbli għall-awtoritajiet ta' l-Istati Uniti, b'mod partikolari ferġhat ta' l-Istati Uniti f'banek Ewropej, kumpaniji ta' l-assigurazzjoni, istituzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u fornituri ta' servizzi tat-telecoms;
33. Ihegġegħ lill-Amministrazzjoni ta' l-Istati Uniti u lill-Presidenza ta' l-UE u lill-Kummissjoni Ewropea biex waqt is-Samit jiffirmaw il-Fteħima għat-Trasport ta' l-Ajru tat-2 ta' Marzu 2007 bejn l-Amministrazzjoni ta' l-Istati Uniti u l-Kummissjoni Ewropea bħala l-fteħima fl-ewwel stadju għall-kooperazzjoni l-ġdida bejn l-Istati Uniti u l-UE fiż-Żona importanti ħafna ta' l-Avjazzjoni Transatlantika; jispera li l-Istati Uniti tirratifika din il-fteħima u jhegġegħ liż-żewġ naħat biex kemm jista' jkun malajr jibdedw in-negozjati tal-fteħima fit-tieni stadju;
34. Jistieden lill-imsieħba Ewropej u Amerikani biex iqisu fir-relazzjonijiet ekonomiċi tagħhom l-irwol u l-karatteristiċi speċjali ta' l-oqsma kulturali u edukattivi;

Qafas istituzzjonali u l-irwol tal-Parlament

35. Jenfasizza li huwa biss l-involvement usa' fil-livelli kollha tal-Kungress, tal-Parlament Ewropew u tal-parlamenti nazzjonali li jista' jwassal biex verament jissaħħaħ il-proċess kollu u li l-iskambju eżistenti interparlamentari għandu gradwalment jinbidel f'"Assemblea Transatlantika" de facto;
36. Jitlob lis-Samit bejn l-UE u l-Istati Uniti biex jappoġġja d-dimensjoni parlamentari tas-

¹ Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-14 ta' Frar 2007 dwar SWIFT, il-fteħima PNR u d-djalogu transatlantiku dwar dawn il-kwistjonijiet P6_TA-PROV(2007)0039

sħubija transatlantika u biex isahha l-irwol tal-leġiżlaturi fid-djalogu bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-amministrazzjoni ta' l-Istati Uniti, u biex tinvolvi aktar mill-qrib lis-soċjetà ċivili miż-żewġ naħat ta' l-Atlantiku;

37. Jisħaq l-impenn tiegħu biex ikompli jikkontribwixxi għas-saħħa u l-istabilità tas-Sħubija Transatlantika permezz ta' l-indhila tiegħu fid-Djalogu Transatlantiku tal-Leġiżlaturi; jappoġġja l-isforz biex tiġi stabbilita sistema leġiżlattiva ta' twissija minn kmieni bejn il-Parlament Ewropew u l-Kungress ta' l-Istati Uniti;
38. Iħeġġeġ lis-Samit bejn l-UE u l-Istati Uniti sabiex jifthiem dwar livell xieraq ta' parteċipazzjoni parlamentarja fis-Samit bejn l-UE u l-Istati Uniti u jitlob li jkun hemm laqgħa qabel kull Samit bejn id-Djalogu tal-Leġiżlaturi Transatlantiku (TLD) u l-Grupp ta' Livell Avvanzat sabiex isir skambju ta' opinjonijiet dwar il-progress tal-Programm ta' Ħidma u l-preparazzjonijiet għas-Samit; itenni l-bżonn li jinholq qafas parlamentari istituzzjonali stabbli;
39. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tiddiskuti l-istrateġija tagħha dwar in-negozjar mal-kumitati rilevanti tal-PE qabel tidħol fin-negozjati ma' l-entitajiet ekwivalenti fl-Istati Uniti, meta dawn in-negozjati jittrattaw kwistjonijiet leġiżlattivi;
40. Jistieden lill-kumitat rilevanti sabiex juża l-baġit tas-sena 2007 sabiex jipprovdi l-fondi meħtieġa għat-twaqqif ta' bażi uffiċjali tal-Parlament Ewropew f'Washington DC li tiżgura istituzzjonalizmu xieraq ta' l-attivitajiet tal-Parlament stess u tippermetti relazzjoni mtejba bejn il-Parlament Ewropew u l-Kungress ta' l-Istati Uniti;
41. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-parlamenti ta' l-Istati Membri u lill-President u lill-Kungress ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika.